Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10698/20

MI 324
COMPET 397

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10066/20
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar Suq Uniku approfondit għal irkupru qawwi u Ewropa kompetittiva u sostenibbli

1. Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ komunikazzjonijiet dwar il-Pjan ta' Azzjoni fit-Tul għal Implimentazzjoni u Infurzar Aħjar tar-Regoli tas-Suq Uniku[1] u dwar l-Identifikazzjoni u l-Indirizzar tal-Ostakli għas-Suq Uniku[2].

2. Fl-1 ta' Lulju 2020, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Suq Uniku Approfondit għal Irkupru Qawwi u Ewropa Kompetittiva u Sostenibbli li ġie eżaminat mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kompetittività u t-Tkabbir (Suq Intern) f'dik id-data u fis-7, fl-14 u fit-22 ta' Lulju 2020. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma kkontribwew biex jissolvew l-kwistjonijiet pendenti kollha u rriżultaw f'appoġġ wiesa' għat-test kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

[1] ST 6778/20
[2] ST 6779/20 + ADD 1

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden japprova l-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness għal din in-nota u jippreżentah lill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni tiegħu bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

ANNESS

Suq Uniku Approfondit għal Irkupru Qawwi u Ewropa Kompetittiva u Sostenibbli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. IFAKKAR

– il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020[3] li enfasizzaw li l-kriżi tal-COVID-19 teħtieġ sforz bla preċedent u approċċ innovattiv, it-trawwim ta' konverġenza, reżiljenza u trasformazzjoni fl-Unjoni Ewropea;

– il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Ġunju 2019[4] bl-Aġenda Strateġika l-ġdida 2019-2024 li appellat għal approċċ aktar integrat li jgħaqqad il-politiki u d-dimensjonijiet rilevanti kollha u fir-rigward tas-Suq Uniku fid-dimensjonijiet (aspetti) kollha tiegħu għal strateġija fit-tul li hija kuraġġuża, inklużiva u li tħares 'il quddiem;

– id-Dikjarazzjoni Ministerjali Konġunta tal-Ministri tal-UE responsabbli mill-Industrija u s-Suq Intern tat-12 ta' Ġunju 2020[5], li enfasizzat ir-rilevanza kontinwa tal-"pakkett ta' Marzu 2020" li stabbilixxa strateġija industrijali ġdida, strateġija għall-SMEs, pjan ta' azzjoni għall-infurzar tas-Suq Uniku[6], analiżi tal-ostakli li fadal għas-Suq Uniku[7] u pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkolari, u enfasizza wkoll l-importanza tal-"Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa";

– il-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2019[8] dwar "Livell ġdid ta' ambizzjoni għal Suq Uniku kompetittiv", li enfasizzaw aktar il-ħtieġa ta' approfondiment tas-Suq Uniku biex jipprovdi l-bażi għal tranżizzjoni b'suċċess lejn Ewropa effiċjenti, koerenti, ibbilanċjata u sostenibbli xprunata mis-settur diġitali;

---

3 EUCO 10/20
4 EUCO 9/19
5 Stqarrija għall-istampa 385/20
6 6778/20
7 6779/20
8 9743/19

– il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2019[9] li appellaw għal approċċ integrat li jgħaqqad il-politiki u d-dimensjonijiet rilevanti kollha biex tinkiseb bażi ekonomika soda u, b'mod partikolari, li s-Suq Uniku għandu jkompli jiġi approfondit u msaħħaħ, b'enfasi partikolari fuq l-iżvilupp ta' ekonomija tas-servizzi u fuq l-integrazzjoni tas-servizzi diġitali filwaqt li jitneħħew l-ostakli mhux ġustifikati li fadal u jiġi evitat li jinħolqu oħrajn ġodda u għal aktar approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Unjoni tal-Enerġija u l-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta u effettiva;

Mument kruċjali biex jissaħħaħ u jiġi approfondit is-Suq Uniku

2. JENFASIZZA li Suq Uniku b'saħħtu, ġust, inklużiv u reżiljenti bbażat fuq regoli ċari u rispettati huwa l-pedament ekonomiku tal-integrazzjoni Ewropea u l-mutur ewlieni għall-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi tal-UE u fundamentali għall-unità tal-UE kif ukoll għar-rwol tal-Ewropa fix-xena globali;

3. JAGĦRAF li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku madwar id-dinja u fl-UE kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19 kellu impatt qawwi fuq il-maġġoranza tan-negozji fl-UE, speċjalment l-SMEs u n-negozji ġodda li ħafna minnhom qed jiffaċċaw theddida eżistenzjali; JISĦAQ fuq l-għan li nesperjenzaw din il-kriżi flimkien, filwaqt li niksbu rkupru sostenibbli għall-UE u li noħorġu mill-kriżi aktar b'saħħitna minn qabel; JENFASIZZA li, f'dan ir-rigward, is-solidarjetà u l-isforzi komuni huma meħtieġa għal irkupru malajr mhux biss billi tingħata għajnuna finanzjarja rapida u mmirata lejn l-aktar negozji milquta, iżda wkoll billi jitneħħew il-piżijiet, titnaqqas il-burokrazija u l-ostakli u jitjiebu l-kundizzjonijiet qafas tan-negozji, inkluż dawk fis-settur tas-servizzi;

[9] EUCO 1/19

4. JISĦAQ fuq l-importanza tat-tranżizzjonijiet kemm ekoloġiċi kif ukoll diġitali bħala muturi għall-irkupru u t-tkabbir Ewropew; JENFASIZZA l-opportunitajiet deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew[10] u fl-Istrateġija Diġitali Ewropea[11] sabiex l-UE tiġi ttrasformata f'ekonomija sostenibbli, b'impatt newtrali fuq il-klima, ċirkolari u diġitali; JAGĦRAF l-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni li tkun ġusta, sostenibbli, ekwa u soċjalment ibbilanċjata u tqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li ħadd ma jibqa' lura;

5. JINNOTA li l-isfidi attwali għandhom jintlaħqu f'ambjent internazzjonali dejjem aktar diffiċli; għaldaqstant; JISSOTTOLINJA l-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali tal-UE, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ta' ekonomija miftuħa li tkun tinkludi kummerċ ħieles, ġust u sostenibbli u awtonomija strateġika fost it-teknoloġiji ewlenin, il-katini tal-valur u l-aktar ekosistemi industrijali sensittivi;

6. JENFASIZZA li approċċ integrat għat-tisħiħ u l-approfondiment tas-Suq Uniku huwa kruċjali għall-kompetittività ġenerali, irkupru b'saħħtu u s-suċċess tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; JISĦAQ li s-Suq Uniku huwa ġid pubbliku komuni li jista' jaqdi r-rwol tiegħu bħala riżorsa strateġika kollettiva tal-UE jekk jitneħħew il-frammentazzjoni u l-ostakli għas-Suq Uniku; JENFASIZZA l-importanza tal-użu tal-għodod regolatorji u mhux regolatorji l-aktar effettivi, u b'mod partikolari l-armonizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku, biex jissaħħaħ u jiġi approfondit is-Suq Uniku;

7. JENFASIZZA BIL-QAWWA li issa huwa mument kruċjali li nitgħallmu mill-kriżi tal-COVID-19, biex nindirizzaw nuqqasijiet eżistenti fis-Suq Uniku, inkluż il-leġiżlazzjoni relatata, u biex nagħtu impetu ġdid biex jiġu appoġġati l-irkupru u l-kompetittività fit-tul tan-negozji tagħna, partikolarment l-SMEs;għalhekk, JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjoni immedjata b'miri operazzjonali konkreti u skedi ta' żmien ambizzjużi u realistiċi kif enfasizzat hawn taħt, u JISSOTTOLINJA d-determinazzjoni tiegħu biex jissaħħaħ is-Suq Uniku u jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni skont il-prijoritajiet li ġejjin;

---

10 15015/19 u 12256/16 ADD1

11 6237/20, 6266/20, 6250/20, 6263/20, u 8711/20.

Il-governanza tas-Suq Uniku

8. JAGĦRAF li s-Suq Uniku kien taħt pressjoni konsiderevoli matul il-kriżi tal-COVID-19 u li r-restrizzjonijiet b'impatt qawwi fuq is-Suq Uniku ġew introdotti mill-Istati Membri; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-miżuri temporanji implimentati minħabba l-kriżi ma jwasslux għal distorsjonijiet permanenti fis-Suq Uniku;

9. IFAKKAR li s-Suq Uniku huwa bbażat fuq l-"erba' libertajiet", li joperaw f'konformità mar-regoli u l-prinċipji minquxin fit-Trattati; għalhekk, JAPPELLA lill-Istati Membri sabiex ineħħu malajr kemm jista' jkun ir-restrizzjonijiet temporanji li fadal introdotti b'rabta mal-kriżi tal-COVID-19; IĦEĠĠEĠ lill-istituzzjonijiet tal-UE u speċjalment lill-Kummissjoni biex jirrestawraw u jissalvagwardjaw l-integrità sħiħa tas-Suq Uniku, jiżguraw il-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni taċ-ċittadini u l-kumpaniji tal-UE u jekk ikun hemm bżonn jieħdu azzjonijiet aktar rapidi u deċiżivi biex jiżguraw it-tneħħija responsabbli u kkoordinata ta' tali restrizzjonijiet; JISĦAQ li r-restawr tas-Suq Uniku fl-istat tiegħu qabel il-kriżi tal-COVID-19 mhux ser ikun biżżejjed, u li s-Suq Uniku jeħtieġ aktar titjib u approfondiment, partikolarment sabiex jiġi appoġġat l-irkupru tal-ekonomija Ewropea;

10. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-governanza tas-Suq Uniku sabiex isir aktar reżiljenti u biex jiġu evitati restrizzjonijiet għas-Suq Uniku, inkluż fil-każ ta' kriżijiet futuri possibbli; JISSOTTOLINJA l-importanza li jissaħħu l-ekosistemi u l-investiment, partikolarment, f'katini ta' valur strateġiċi u f'teknoloġiji ewlenin fl-UE, u l-iżgurar tal-funzjonament transkonfinali tagħhom, speċjalment f'kondizzjonijiet ta' kriżi u b'mod ġenerali; għalhekk, JENFASIZZA li huwa importanti li jsir użu sħiħ mill-proċeduri eżistenti għall-għoti ta' informazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

L-implimentazzjoni u l-Infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku

11. JILQA' l-pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-Suq Uniku ppreżentati mill-Kummissjoni fl-10 ta' Marzu 2020[12]; JISĦAQ fuq l-importanza ta' sensibilizzazzjoni, bini ta' kapaċità u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi fi Stati Membri differenti bħala miżuri prattiċi biex jittejbu l-prevenzjoni tal-ostakli regolatorji u l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku;

12. JENFASIZZA li l-infurzar xieraq u l-konformità mar-regoli tas-Suq Uniku huma kruċjali għat-tisħiħ tal-fiduċja u l-kunfidenza tal-konsumatur, kif ukoll il-ħolqien ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn in-negozji kollha, b'attenzjoni partikolari fuq il-qafas tas-sorveljanza tas-suq, is-sigurtà tal-prodotti u r-rikonoxximent reċiproku[13];

13. JILQA' t-twaqqif ta' Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET), magħmul mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni; JENFASIZZA li, abbażi ta' mandat b'saħħtu, il-ħidma tagħha għandha tkun orjentata fuq l-objettivi, definita b'mod ċar, tirrispetta l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni u tkun distinta mir-rwol u l-mandati ta' korpi oħra li jittrattaw kwistjonijiet dwar is-Suq Uniku; JIKKONSIDRA li s-SMET jenħtieġ tiffoka fuq l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli tas-Suq Uniku kif ukoll fuq il-prevenzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda; JISSUĠĠERIXXI li s-SMET tintuża bħala korp ta' livell għoli, li jenħtieġ tkun komplementata minn ħidma fuq livell tekniku; JENFASIZZA li s-SMET jenħtieġ tidentifika u tipprijoritizza l-aktar ostakli urġenti eżistenti u tfittex azzjonijiet konkreti biex dawn jiġu indirizzati u eliminati;

---

12 6778/20.

13 Regolament 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità, Regolament 2019/515 dwar ir-rikonoxximent reċiproku u d-Direttiva 2001/95 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti.

14. JISOTTOLINJA l-importanza tan-network SOLVIT u l-bażi tad-data tiegħu fl-identifikazzjoni tal-ostakli l-aktar urġenti għas-Suq Uniku; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jorjentaw is-SOLVIT skont il-ħtiġijiet tal-utenti tan-negozju, u flimkien mal-Istati Membri biex jiżviluppaw attivitajiet immirati ta' sensibilizzazzjoni li jippromwovu s-SOLVIT fi ħdan il-komunità tan-negozju; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isegwu każijiet rikorrenti u strutturali ta' SOLVIT u jieħdu azzjoni, pereżempju billi jagħmlu l-aħjar użu mis-sistema EU Pilot; JENFASIZZA li s-SOLVIT jista' jkun ta' impatt għall-individwi u n-negozji jekk l-Istati Membri u l-Kummissjoni jipprijoritizzaw in-network;

15. JILQA' l-proposta li tinħoloq għodda għall-ostakli tas-Suq Uniku taħt il-Gateway Diġitali Unika biex tiġi żgurata trasparenza massima dwar l-ostakli rrappurtati miċ-ċittadini u min-negozji; JIKKONSIDRA li dan jenħtieġ jiġi estiż għal ostakli mhux regolatorji;

16. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna t-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku biex timmonitorja aħjar il-prestazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tas-Suq Uniku u biex tirrifletti aħjar is-sitwazzjoni tal-utenti aħħarin fis-Suq Uniku;

17. JISSOTTOLINJA r-rwol importanti tal-akkwist pubbliku biex jinkisbu t-tranżizzjonijiet doppji ekoloġiċi u diġitali u JENFASIZZA l-ħtieġa ta' sensibilizzazzjoni dwar prattiki tajba, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' kriterji mmirati u għodod diġitali ta' akkwist pubbliku fl-offerti pubbliċi rilevanti kollha;

Ostakli għas-Suq Uniku

18. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku" tal-10 ta' Marzu 2020[14], li tagħti ħarsa ġenerali lejn l-ostakli għas-Suq Uniku, inkluż l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jaffettwaw in-negozji u li hija mfassla mill-perspettiva tal-utent; JENFASIZZA li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom responsabilità komuni biex jindirizzaw l-ostakli identifikati;

19. JISĦAQ li huma meħtieġa metodi ġodda u aktar orjentati lejn l-utent u approċċi mfassla apposta biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu mhux ġustifikat li fadal u biex isir użu aħjar tal-opportunitajiet fis-Suq Uniku, partikolarment fejn il-possibbiltajiet għal gwadanji ekonomiċi jibqgħu l-akbar, inkluż fis-settur tas-servizzi; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi eżistenti biex titneħħa l-frammentazzjoni, jitnaqqsu l-ostakli fil-livelli kollha fejn iseħħu (Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali);

20. JENFASIZZA l-opportunitajiet li l-aħjar funzjonament tas-Suq Uniku għas-servizzi joffri u JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' approfondiment tal-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq tas-servizzi; JISSOTTOLINJA li huwa essenzjali li jittejbu l-opportunitajiet għal u jitneħħew l-ostakli bla bżonn għall-kummerċ transkonfinali tas-servizzi u tal-merkanzija u tal-mobbiltà tal-ħaddiema, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema, u li hija meħtieġa biex tittejjeb id-dispożizzjoni tal-informazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, inkluż l-implimentazzjoni xierqa tal-Portal Diġitali Uniku; JAPPOĠĠA l-iżvilupp lejn qafas ta' identità diġitali Ewropea inklużiv, modern u li jiffunzjona bbażat fuq ir-Regolament eIDAS biex identitajiet diġitali li jistgħu jintużaw, sikuri u interoperabbli jsiru disponibbli b'mod wiesa' għall-Ewropej kollha sabiex jiġi ffaċilitat it-tkabbir transkonfinali tan-negozju transkonfinali u jiġu żgurati tranżazzjonijiet online governattivi u privati;

---

14 6779/20.

Suq Uniku msaħħaħ u li jibqa' validu għall-futur

21. JENFASIZZA li r-riċerka u l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati ser ikunu kruċjali biex jitħaffu t-tranżizzjonijiet doppji ekoloġiċi u diġitali; JIRRIKONOXXI li Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-iskalabbiltà transkonfinali ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi, ċirkolari u diġitali u mudelli tan-negozju ġodda; JISĦAQ li l-UE għandha tirrivitalizza l-industrija Ewropea tal-manifattura ċirkolari, sostenibbli u kompetittiva u toħloq suq għall-materjali sekondarji li jiffunzjona tajjeb;

22. JISĦAQ fuq l-importanza ta' standards Ewropej għas-Suq Uniku, il-kompetittività tal-industrija Ewropea u għas-sikurezza u s-sigurtà taċ-ċittadini; JENFASIZZA li l-qafas leġiżlattiv u l-istandards armonizzati l-ġodda għadhom essenzjali biex l-UE tkun minn ta' quddiem globalment fit-twaqqif tal-istandards; IFAKKAR f'dan ir-rigward fil-konklużjonijiet tiegħu
tas-27 ta' Frar 2020[15] dwar l-iżviluppi futuri tal-politika, li joffru lin-negozji l-aħjar opportunitajiet biex jibdew jespandu u jibqgħu kompetittivi; JIRRIKONOXXI l-importanza tal-funzjonament rapidu u xieraq tas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea sabiex jiġu appoġġati n-negozji Ewropej u ambjent soċjetali li qed jinbidel; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-funzjonament tas-sistema biex tappoġġa malajr u b'mod adegwat l-objettivi tas-sovranità teknoloġika Ewropea, it-transizzjonijiet doppji ekoloġiċi u diġitali u l-irkupru ekonomiku; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex taħdem mal-partijiet ikkonċernati biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi attwali fis-sistema;

[15] 5964/20.

23. JISĦAQ fuq l-importanza ta' Suq Uniku msaħħaħ u li jiffunzjona kompletament li jippermetti lill-kumpanniji Ewropej u b'mod partikolari l-iżgħar SMEs u dawk l-aktar vulnerabbli li jkunu jistgħu jinnovaw, jespandu u jagħmlu suċċess lil hinn mill-fruntieri f'suq domestiku kbir; JAPPELLA għal azzjoni biex jiġi żgurat ambjent ta' negozju li jippermetti lin-negozji u speċjalment lill-SMEs li ġew affettwati b'mod qawwi mill-kriżi tal-COVID-19 biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet tas-Suq Uniku, inkluż billi jitrawwem il-Prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" u jiġu permessi investimenti ta' tkabbir permezz tal-faċilitazzjoni ta' investimenti għall-SMEs xprunati mill-proprjetà intellettwali; JAPPELLA għall-istabbiliment b'suċċess ta' One Stop Shops għall-SMEs fl-Istati Membri sabiex joffru appoġġ imfassal apposta, kif mitlub fl-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-SMEs, li jistabbilixxu kooperazzjoni ma' networks eżistenti bħal SOLVIT; JENFASIZZA r-rwol importanti li l-Programm tas-Suq Uniku jenħtieġ ikollu fit-tisħiħ u t-titjib tas-Suq Uniku u billi jgħin lill-SMEs jibbenefikaw minnu;

24. IFAKKAR li għandhom jiġu żgurati kompetizzjoni ħielsa u ġusta u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fi ħdan is-Suq Uniku u globalment biex jiġu evitati distorsjonijiet fis-Suq Uniku; JIKKONSIDRA li l-interessi strateġiċi fit-tul tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji tagħha għandhom jiġu protetti; JISĦAQ li l-operaturi li jikkompetu minn pajjiżi terzi fis-Suq Uniku jenħtieġ li joperaw taħt l-istess kundizzjonijiet u regoli bħall-kontropartijiet Ewropej tagħhom filwaqt li jiżguraw li l-UE tibqa' ambjent ta' negozju attraenti għall-investimenti barranin; JISTENNA B'INTERESS, f'dak ir-rigward, id-diskussjoni tal-White Paper dwar il-kisba ta' kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tas-sussidji barranin;

25. JILQA' l-konsultazzjoni pubblika dwar Għodda ta' Kompetizzjoni Ġdida biex tindirizza l-problemi ta' kompetizzjoni strutturali madwar is-swieq;

26. IFAKKAR li d-diġitalizzazzjoni tiffaċilita aktar kummerċ transkonfinali u Suq Uniku aktar integrat; JENFASIZZA li l-importanza tad-diġitalizzazzjoni hija orizzontali u għalhekk jenħtieġ tiġi riflessa fil-politika tas-Suq Uniku; JISSOTTOLINJA li minbarra l-ħafna benefiċċji l-oħra tagħha, it-trasformazzjoni diġitali għandha l-potenzjal li tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet ta' konformità bla bżonn u b'hekk iżżid l-effiċjenza tas-Suq Uniku; JISSOTTOLINJA li approċċi ġodda ta' politika għas-Suq Uniku għandhom ikunu adatti għall-era diġitali u jippermettu lill-UE ssir żona ekonomika b'qafas regolatorju konsistenti, effiċjenti, diġitali b'mod awtomatiku u b'validità għall-futur f'konformità ma' rekwiżiti ta' regolamentazzjoni aħjar, li tkun tista' tlaħħaq mal-mudelli tan-negozji ġodda u aġli, speċjalment fl-ekonomija diġitali;

27. JISTENNA B'INTERESS id-diskussjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal Pakkett dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u JIDDIKJARA li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Proprjetà Intellettwali jista' jikkontribwixxi, fost l-oħrajn, sabiex jinċentiva l-investimenti R&Ż u jrawwem teknoloġiji ewlenin;

28. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' riformi strutturali fil-livell tal-Istati Membri sabiex terġa' tiġi rivitalizzata l-kompetittività tal-UE; Għalhekk, JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni bdiet tagħti ħarsa lejn il-prestazzjoni tas-Suq Uniku u r-relazzjoni tiegħu mar-riformi strutturali fi ħdan il-proċess tas-Semestru Ewropew; JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex ikomplu jaħdmu fuq dan l-approċċ u jagħmluh saħansitra aktar operazzjonali;

Impetu ġdid għas-Suq Uniku

29. JAPPELLA lill-Istati Membri biex

- jaħdmu b'mod effettiv flimkien u jallokaw riżorsi xierqa lejn implimentazzjoni u infurzar aħjar tad-dritt tal-UE fil-qasam tas-Suq Uniku, inkluż sorveljanza tas-suq robusta u implimentazzjoni xierqa tal-Portal Diġitali Uniku;

- inaqqsu effettivament b'mod prattiku l-aktar ostakli urġenti għas-Suq Uniku, inkluż fis-settur tas-servizzi, bħala prijorità;

- jieħdu sehem attiv fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rkupru bil-għan li s-Suq Uniku jerġa' jiġi rivitalizzat u approfondit aktar; u

- iwettqu r-riformi meħtieġa li jistgħu jkunu mutur għall-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli, mhux l-anqas fil-kuntest tal-proċess ta' rkupru;

30. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta Rapport Strateġiku annwali, sal-15 ta' Jannar 2021, sabiex

- jittieħed kont tal-istat ta' implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Infurzar tal-2020 u l-progress fl-indirizzar tal-ostakli fis-Suq Uniku, inkluż permezz ta' miżuri tal-pjan ta' rkupru, b'kont meħud tal-ħidma ta' SMET;

- tiġi evalwata r-reżiljenza tas-Suq Uniku, l-ewwel billi jittieħdu t-tagħlimiet mill-kriżi tal-COVID-19 u billi tiġi evalwata r-robustezza tal-proċeduri eżistenti; u

- tiġi analizzata fuq din il-bażi l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet mhux regolatorji.

JENFASIZZA li dan ir-rapport ser ikun il-pedament tal-ħidma u s-segwitu tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u tragwardi fil-Kunsill mal-Istati Membri fuq bażi kontinwa; u

31. JISSOTTOLINJA li l-Kunsill (Kompetittività) ser jiddiskuti u jissorvelja, abbażi ta' dan ir-Rapport Strateġiku, qabel il-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa 2021, il-progress u l-azzjonijiet futuri biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-Suq Uniku għal irkupru qawwi u Ewropa kompetittiva u sostenibbli.